# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 141/2021**

**CARINI STORES LIMITED (C 13528)**

*VERSUS*

**TABONE COMPUTER CENTRE LIMITED (C 12340)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2021 (a fol 1 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' elfejn mitejn u sittin Ewro u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2260.80) kwantu għall-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta għal diversi prodotti lilha mibjugħa u servizzi lilha reżi u kif ukoll is-soċjeta' attriċi talbet l-ispejjeż u l-imgħax mid-data tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-11 t'Awwissu 2021 fejn is-soċjeta' attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika lis-soċjeta' konvenuta (a fol. 18).

Ra illi fis-27 t'Awwissu 2021 is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikat (a fol.21).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat r-risposta tagħha fl-1 ta' Settembru 2021 (a fol. 22).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fil-11 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi.

Ra illi fis-7 ta' Lulju 2022, is-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Mill-provi u xhieda prodotti jidher ċar x´kien il-ftehim bejn is-soċjeta´ attriċi u s-soċjeta´ konvenuta. Jidher illi l-partijiet daħlu fi ftehim sabiex is-soċjeta´ attriċi tipprovdi diversi prodotti lis-soċjeta´ konvenuta kif ukoll servizzi lill-istess soċjeta´. Id-diżgwit bejn il-partijiet inqala´ meta s-soċjeta´ konvenuta allegat illi x-xogħol ta´ servizzi ma sarx skond is-sengħa u l-arti u għaldaqstant, is-soċjeta´ konvenuta ma ħalsitx lis-soċjeta´ attriċi la tal-prodotti u anqas tas-servizz stante illi s-soċjeta´ konvenuta qieset li kien bi dritt stante illi dan kien kuntratt ta´ appalt.

Fir-rigward ta´ kuntratt ta´ appalt, dan it-Tribunal ser jirreferi għas-sentenza illi l-avukat difensur għamel referenza għaliha fit-trattazzjoni (a fol. 158) u li hi ***Christopher Meli kontra Emanuel Galea*** deċiża 23 ta´ Gunju 2004. Dan it-Tribunal innota kif din is-sentenza ma tgħidx kif l-avukat difensur ikkwota. Din is-sentenza tgħid illi persuna fl-aħħar mill-aħħar għandha dritt għal ħlas tas-servizzi u/jew prodotti minnha reżi u dan billi ħadd m´għandu dritt jarrikkixxi ruħu a detriment ta´ ħaddiehor. F´dan il-każ, ma hemm ebda dubju illi s- soċjeta´ attriċi ipprovdit il-prodotti imsemmija fl-invoices a fol.5-8 lis-soċjeta´ konvenuta, hekk jidher fix-xhieda ta´ Adison Bonnici, rappreżentat tas-soċjeta´ attriċi (a fol. 35) u iktar u iktar mix-xhieda ta´ Joseph Tabone, rappreżentat tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 156). Issa, fir-rigward tas-servizzi reżi jidher illi kien hemm diżgwit bejn il-partijiet. Jidher ċar illi s-soċjeta´ attriċi naqqset xi ammont li tathom lura fi *credit notes* u dan anke kif jidher a fol. 9-11. Dawn il-*credit notes* hekk ippreżentati huma dettaljati wkoll għal liema raġuni ġew imnaqqsa. Fix-xhieda tiegħu, Joseph Tabone, rappreżentat tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 150-156) isostni illi kien hemm leakage tal-ilma pero´ ma jiftakarx lil min qabbad sabiex jiċċekja dan il-leakage u sostan wkoll (a fol. 153) illi *"Lanqas niftakar id-dati meta kienu. Affarijiet li ma hemmx ghalfejn inzommhom f´rasi narmihom minn rasi."* Dan it-Tribunal hu konvint illi li kieku kien hemm tali leakage illi lis-soċjeta´ konvenuta kien qed itiha fastidju, din żgur kienet tiftakar lil min qabbdet u iktar u iktar kienet iġġib provi konkreti kemm kien dan it-tali ħlas żejjed. Ukoll, Joseph Tabone , rappreżentat tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 150-156) jirreferi għall-kwistjoni tal-pajpijiet. Pero´ jidher ċarmill-evidenza prodotta mis- soċjeta´ attriċi (a fol. 11) illi kien tnaqqis f´dan ir-rigward. Għal darb´oħra, is-soċjeta´ konvenuta naqqset milli ġġib provi ta´ dan id-dannu minnha soffert. Dan it-Tribunal ser jerġa´ jirreferi għas-sentenza illi l-avukat difensur għamel referenza għaliha fit-trattazzjoni (a fol. 158) u li hi ***Christopher Meli kontra Emanuel Galea*** deċiża 23 ta´ Gunju 2004 u liema sentenza tikkonkludi illi persuna jista´ ma jitħallasx sakemm jew isewwi d-difetti jew jitnaqqas ammont skond dak li jkun qal persuna teknika fix-xogħol illi tkun tqabbdet apposta għal dan il-għan. F´dan il-każ, is-soċjeta´ konvenuta la ressqet prova tad-danni minnha sofferti u anqas talbet il-ħatra ta´ persuna teknika tul il-proċeduri b´dan illi t-Tribunal hu konvint illi s-soċjeta´ konvenuta ma kinitx imdejqa bix-xogħol tas-soċjeta´ attriċi. Ukoll, is- soċjeta´ konvenuta ma ressqet ebda kontro-talba għal danni minnha sofferti. Hemm ukoll sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Tabliet Zgħar illi wkoll iddiskutiet

b´mod ampju dawn il-prinċipji.[1] *Se mai*, l-unika dannu soffert mis-soċjeta´ konvenuta hu biss ta´ bejn 40 jew 60 Ewro għaliex is-soċjeta´ konvenuta ressqet bħala prova biss lil Claudio Farrugia (a fol. 132). Biss pero´ ma hemmx indikat ix-xogħol illi wettaq Claudio Farrugia jew jekk hux fl-appartamenti in kwistjoni.

Ukoll, dan it-Tribunal jemmen illi s-soċjeta´ konvenuta ma ħallsitx lis-soċjeta´ attriċi bi sfida u dan peress illi Joseph Tabone, rappreżentat tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 150-156), waqt ix-xhieda tiegħu, qal "*Meta qalli gej inkissirlek kull ma hemm jekk ma thallasx, wara hafna diskussjonijiet bl-emails tajjeb?, ghedtlu mela issa hudni l-qorti u naraw hemmhekk*."

Dan it-Tribunal ser jaċċenna wkoll għall-fatt illi ma kienx hemm ċertezza jekk dan ix-xogħol sarx lis-soċjeta´ konvenuta jew lil Joseph Tabone jew persuni oħra. Biss pero´ dan il-fatt ġie ċċarat tul il-proċess illi l-pagamenti min-naħa tas-soċjeta´ attriċi dejjem ħarġu f´isem is-soċjeta´ konvenuta u b´dan illi s-soċjeta´ konvenuta għażlet li ma tqajjimx din il-kwistjoni b´dan illi ġiet sorvolata (a fol. 127, 150 u 151).

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ attriċi fl-ammont ta´ elfejn mitejn u sittin Ewro u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2260.80) bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali bin-numru 373/21 u l-imgħax mid-data tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

[1] Ara SAMUEL U MARTHA ANN SPITERI [K.I. NRU. 423084M U 535684M B'MOD RISPETTIV] VERSUS STEPHEN SIMIANA U PAUL MIFSUD [K.I. NRU. 159469M U 331068M B'MOD RISPETTIV] (5 ta´ Novembru 2020) (Nru.: 470/2018)